MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru 59/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**William Agius**

**Sentenza dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari.**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 59 tas-sena 2010 kontra l-akkużat William Agius, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) il-pulizija tal- iskwadra kontra d-droga ġew infurmati li kien se jsir xi *deal* ta' droga ġewwa Ħal-Qormi, speċifikament fil-viċinanzi tal-Knisja ta' San Bastjan. Fuq din l-informazzjoni, il-Pulizija marru jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom u hemmhekk, wara ftit tal-ħin, huma nnotaw vettura tat-tip Toyota, numru ta' reġistrazzjoni IBM-002, li wara rriżulta li kienet misjuqa

minn ċerta Gordi Felice, tasal f'dawk l-inħawi. F'dak l-istess mument, il-pulizija raw terza persuna, li wara rriżulta li kien ċerta **William Agius**, tersaq lejn l-imsemmija vettura Toyota misjuqa mill- imsemmi Gordi Felice u ħa borża tal-karti mingħand is-sewwieq ta' l-imsemmija Toyota.

F'dak il-mument, l-uffiċjali tal-Pulizija intervjenew u fortunatament sfrattaw din l-operazzjoni kollha u **William Agius**, filwaqt li pprova jaħrab minn fuq il-post, tefa' l-borża tal-karti ma' l-art. Meta l-uffiċjali tal-pulizija eżaminaw l-imsemmija borza tal-karti irriżulta li kien fiha erba' (4) pakketti f'boroż tal-plastik li kienu jikkontjenu ammont ta' pilloli suspettati *ecstasy*.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija in fatti, irriżulta illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u fix-xhur ta' qabel, l-akkużat **William Agius**, iddeċieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga illegali *Ecstasy* kontenenti s-sustanza illegali *Methylenedioxymethamphetamine*, li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA.

Għal dan l-għan, l-akkużat **William Agius** ftiehem ma' ħabib tiegħu, ċerta Gordi Felice, sabiex flimkien jittraffikaw fid-droga *Ecstasy*. Il- ftehim milħuq bejniethom kien li l-akkużat **William Agius** jirċievi d-droga illegali *ecstasy* mingħand Gordi Felice bl-intendiment li l-istess droga jgħaddiha lil terzi persuni – indikati minn Gordi Felice stess - għal skopijiet ta' lukru. Flimkien mal-lista ta' l-ismijiet u d-droga illegali *ecstasy*, l-akkużat **William Agius** kien jingħata wkoll l-ammont ta' flus li jrid jiġbor mingħand l-istess terzi persuni u sussegwentement jgħaddihom lil Gordi Felice. Talli jagħmel dan ix-xogħol illegali, **William Agius** kien jirċievi xi ħlasijiet fi flus. In fatti, **William Agius** ittraffika d-droga illegali *ecstasy* b'dan il-metodu maqbul bejniethom u għal dan l-istess għan għal numru ta' drabi.

Bħala parti mill-eżekuzzjoni tal-ftehim milħuq minn qabel bejniethom, dakinhar tas-sitta u għoxrin (26) ta’ Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) **William Agius** kien mar ħdejn il-post miftiehem bejnu u bejn Gordi Felice, u ċioe’ ħdejn il-Knisja ta’ San Bastjan, f’Ħal Qormi, għall-ħabta ta’ l-erbgħa ta’ wara nofsinhar (16.00hrs) u hemmhekk ikkomunika ma’ Gordi Felice, biex jinfurmaħ li kien qiegħed jistenniħ biex jiltaqgħu u jirċievi d-droga illegali *ecstasy* u mbagħad jgħaddiha lil terzi persuni skond kif maqbul bejniethom. Il-post fejn ftehmu biex jiltaqghu huwa f’distanza ta’ inqas minn mitt (100) metru bogħod mill- iskola Primarja ta’ Ħal-Qormi.

Illi b’għemilu l-imsemmi **William Agius** sar ħati talli assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u/jew ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijiet li Għandhom x’Jaqsmu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, b’dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’, skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi **William Agius** ħati talli assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x’Jaqsmu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanżja din l-assoċazzjoni, b’dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ. Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta’ prġunerija għal għomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew

propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A (1)(f) (1A) (2)(a)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2.Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fl-ewwel Kap ta' Akkuża, u ċioe' fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u fix-xhur ta' qabel, l-imsemmi **William Agius** in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnu u bejn Gordi Felice volontarjament u xjentement ltaqa' ma Gordi Felice ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-iskola primarja ta' Ħal-Qormi bil-għan li jbiegħ, jittraffika, jforni jew jipprokura d-droga illegali *ecstasy* u ċioe' madwar elfejn u tlieta u erbgħin (2043) pillola Ecstasy, liema droga ġġib l-ammont ta' ċirka tmint elef tmien mija u wieħed u ħamsin Ewro u wieħed u sittin ewro-ċenteżmu €8,851.61 (Lm 3,800), mingħand l-istess Gordi Felice għal skopijiet ta' lukru.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, irriżulta li fix-xhur ta' qabel id-data tas-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), **William Agius** kien ipprokura d-droga illegali *ecstasy* madwar erba' darbiet mingħand l-imsemmi Gordi Felice bil-għan li sussegwentement jgħaddi l-istess droga illegali terzi persuni indikati minn Gordi Felice stess kif ukoll jiġbor l-ammont ta' flus indikati u jgħaddihom lill-imsemmi Gordi Felice.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanz *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-

imsemmi **William Agius** ma kellu l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skont l-imsemmija liġi sabiex ikollu fil-pussess tiegħu jew sabiex iqassam jew ibiegħ l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **William Agius** sar ħati talli b'diversi atti,magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, biegħ jew offra li jbiegħ, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine,* (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi **William Agius** ħati talli b'diversi atti, magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda biegħ jew offra li jbiegħ, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa

ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il- Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A 120A(1)(f) (1B) (2)(a)(i) (2A) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-Avviżi Legali 22/85 [regolament 10(2)], 70/88 u 183/99, kif ukoll fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess ġranet u taħt l-istess ċirkostanzi indikat fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' fis- sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u fix-xhur ta' qabel l-imsemmi **William Agius,** waqt li kien qiegħed ħdejn il-vettura tat-tip Toyota, numru ta' reġistrazzjoni IBM-002 misjuqa minn Gordi Felice huwa ħa borża tal-karti, fejn irriżulta li din l-istess borża tal-karti kienet tikkontjeni erba' (4) pakketti boroż tal-plastik u li fihom kien hemm madwar elfejn u tlieta u erbgħin (2043) pillola li minn aktar investigazzjonijiet irriżulta li kienu pilloli *ecstasy* kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA)), liema droga kellha ġġib l-ammont ta' ċirka tmint elef tmien mija u wieħed u ħamsin Ewro u wieħed u sittin ewro-ċenteżmu €8,851.61 (Lm 3,800) u **liema ammont juri illi d-droga ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**. Fortunatament, il-pulizija laħqet ġabret din l-imsemmija borża fil-mument illi huma marru fuq **William Agius** u Gordi Felice.

Illi d-droga mormija mill-imsemmi **William Agius** kienet qegħda fil- pussess tiegħu waqt illi kien ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-iskola primarja ta' Ħal-Qormi u ċioe fil-mument illi ltaqa' ma l-imsemmi Gordi Felice

sabiex jipprokura d-droga illegali msemmija għal finijiet ta' lukru reċiproku.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irriżulta illi **William Agius** kien fil-pussess xjenti tad-droga illegali msemmija madwar erba' (4) darbiet oħra qabel is-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u dan kull darba li l-imsemmi akkużat kien jipprokura d-droga illegali *ecstasy* mingħand Gordi Felice.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A,tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imsemmi **William Agius** ma kellu l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollu fil-pussess tiegħu jew sabiex iqassam jew ibiegħ l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **William Agius** sar ħati talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża, jew kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine,* (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li **juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħaħagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **William Agius** ħati talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża, jew kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li **juru li dak il- pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għall-għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir- reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),(2),(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999 fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-akkużat **( ara fol 10**) ippreżentata fis-17 ta' Dicembru, 2010 fejn eċċepixxa li :

1. In-nullita` tat-tieni kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża, jew alternattivament tat-tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża, in kwantu l-fatt miġjub f’dawn il-kapi huwa l-istess u r-reat addebitat huwa wkoll l-istess (regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini) u dan nonostante li l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma ġiex indikat fit-tieni kap kif rikjest mill-paragrafu (d) ta’ l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali bil-konsegwenza ta’ l-inapplikabilita` ta’ l-artikolu 17 tal-istess Kodici;

2. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ PS 1374 Edgar Dalli in kwantu l-istess xhud qatt ma ġie inkarigat mill-Qorti bħala espert bil-konsegwenza li, fl-eventwalita` ta’ ammissjoni, m’għandux ibati l-ispejjeż inkorsi fir-redazzjoni tagħha;

3. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud (esibit a fol. 726 et seq) in kwantu l-ħatra ta’ l-Ispiżjar Mifsud għall-finijiet tar-relazzjoni msemmija ma setghetx issir bil-konsegwenza li, fl-eventwalita` ta’ ammissjoni, m’għandux ibati l-ispejjez inkorsi fir-redazzjoni tagħha;

4. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta’ Dr. Vincent Galea in kwantu jikkostitwixxi *hearsay evidence* bil-konsegwenza li, fl-eventwalita` ta’ ammissjoni, m’għandux ibati l-ispejjeż inkorsi fir-redazzjoni taghha.

**L-Ewwel Eċċezzjoni - In-Nullita tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża jew alternattivament tat-tielet Kap.**

**Il-Qorti qed taqsam din l-eċċezzjoni fi tnejn:**

**(A) L-ewwel parti tal-Ewwel Eċċezzjoni**

Il-Qorti ma tara ebda nullita’ li hawn żewġ kapi – wieħed dwar traffikar tad-droga ecstasy u l-ieħor ta’ pussess aggravat tad-droga ecstasy. L-akkużat jissottometti li l-

fatti huma l-istess – jiġifieri l-allegata laqgħa ma' Gordi Felice sabiex William Agius ikun jista' jbiegħ 2043 pillola ecstasy. Biss fit-Tieni Kap hemm imniżżlin il-kliem

' bil-għan li jbiegħ, jittraffika, jforni jew jipprokura d-droga illegali ecstasy'

waqt li fit-Tielet kap hemm miktub dan li ġej:

'ħa borża tal-karti fejn irriżulta li l-istess borża kienet tikkontjeni 4 pakketti boroż tal-plastik u li fihom kien hemm madwar 2043 pillola li minn aktar investigazzjonijiet irriżulta li kienu pilloli ecstasy............liema ammont juri illi d-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.'

Dawn iż-żewġ reati mhumiex l-istess (Ara dwar dan 'Il-Pulizija versus Stagno Navarro' Appell Kriminali Inferjuri deċiż mill-Onor.Imħallef Dr Joseph Galea Debono).
Barra dan ma jfissirx li għax ikun hemm regolament wieħed li jolqot żewġ reati (bħalma huwa r-regolament 3(1)), allura wieħed ma jistax ikun akkużat biż-żewġ reati ukoll jekk il-ġrajja jkunu jirreferu għall-istess data. L-akkużat jista' (a) ma jinstab ħati ta' xejn; (b) jinstab ħati taħt Kap minnhom biss; (ċ) jinstab ħati taħt it-tnejn u imbagħad wieħed jara jekk japplikax l-artikolu 17(b) jew l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti ta' din l-eċċezzjoni fejn issir is-sottomissjoni li r-reati huma l-istess għax mhumiex l-istess.

**(B) It-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni**

Iżda l-istess eċċezzjoni tkompli: ' r-reat huwa l-istess (regolament 3(1) dwar ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini) u dan nonostante li l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat ma ġiex indikat kif rikjest mill-paragrafu (d) tal-artikolu 589 tal-Kap 9.

Il-Qorti eżaminat l-aħħar sitt (6) ivrus tat-Tieni Kap. L-Avukat Ġenerali irrefera għar-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 22/85. Għal xi raġuni dan qiegħed fl-isquare brackets – prassi li tintuża f'organizzazzjonijiet internazzjonali meta xi test ma jkunx hemm qbil perfett dwaru. Ir-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985 fil-fatt m'għandu x'jaqsam xejn mal-ġrajja indikata. Dan ir-regolament fil-fatt jgħid dan li ġej:

'Is-Supretendent jista', sabiex ikun hemm kontroll tad-drogi, jiċċirkola lil kull spiżjar li jkollu l-kontroll ta' xi Spiżerija kopja ta' xi firma specimen li jkollu fil-pussess tiegħu.'

Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali jonqos li jsemmi Ir-regolament 3(1) tal-istess regolamenti fit-Tieni Kap. Kien dan ir-regolament li jmissu ssemma u mhux ir-regolament 10. [1] Fit-Tielet Kap r-regolament 2(1) jissemma (ara erbat ivrus mill-aħħar vers a fol 6) u għalhekk m'hemm xejn irregolari f'dan il-Kap.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' din it-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni u tordna li fit-Tieni Kap ikun hemm inkluż ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u jitneħħa l-artikolu 10(2) li jidher bejn żewġ brackets kwadri.

.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni iżda qed tilqa' t-tieni parti tal-Ewwel Eċċezzjoni u qegħda konsegwentement tordna l-korrezzjoni indikata. Mill-bqija għandhom jibqgħu jidhru ż-żewġ Kapi u imbagħad, wara l-verdett tal-ġurati, il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx raġuni għala għandha tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 jew le.**

[1] Il-Qorti nnutat ukoll li ssemmew xi artikoli reżi applikabbli għall-Kap 31 u li jinsabu fil-Kap 101 (bħall-artikolu 22B) li ma kienx indispensabbli li ssemmihom.

**It-Tieni Eċċezzjoni L-Inammissibilita' tar-relazzjoni ta' PS 1374 Edgar Dalli għax ma kienx inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti.**

Skont fol 33 tal-proċess, nhar id-29 ta' Novembru 2004, il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Abigail Lofaro kienet ħatret erba' esperti – l-Ispiżjar Mario Mifsud, PS 602 J Attard, PC 1261 C Pace u 'Fingerprints' P.S. 1374 E.Dalli.' Dan joħroġ mir-rapport li ppreżenta l-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara.

A fol 4 insibu d-digriet bid-data tas-26 ta' Nomebru 2004 fejn kien nominat l-istess Spettur (illum Supretendent) u l-Ispiżjar Mario Mifsud bħala espert forensiku u sabiex jagħmel stima tal-oġġetti jew ħsarat in kwistjoni.

Jirriżulta wkoll li l-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara kien għamel rikors biex tingħalaq l-inkjesta u tintbagħat lill-Avukat Ġenerali minħabba li tressqu żewġ persuni.

Issa l-ħatra tas-scene of the crime officers u tal-esperti l-oħra kollha ssir mill-Maġistrat Inkwirenti permezz ta' telefonata. Dan jista' jżomm record ta' x'ħin daħlet it-talba għall-ftuħ tal-inkjesta u tal-esperti maħtura minnu jew minnha.

Dwar is-scene of the crime officers, dawn ikunu b'roaster u għalhekk sta għall-Ispettur li jsejjaħ lil dawk in-nies li dak il-ħin ikunu għassa biex jaqdu d-dmirijiet li jkun talabhom jagħmlu l-Maġistrat.

Għalhekk l-Ispettur jieħu ħsieb li jniżżel l-ismijiet kollha li jkun qallu l-Maġistrat u jżid magħhom dawk tas-scene of the crime officers. Minħabba li l-inkjesta ngħalqet b'għaġla kbira, ma ntlewx l-ismijiet tas-scene of the crime officers waqt li l-Ispiżjar Mario Mifsud jidher bħala espert forensiku iżda fuq formola stereotipata li soltu tintuża f'inkjesta oħra.

Ġaladarba hemm ir-rapport tal-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara bl-ismijiet tal-esperti, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dwar il-ħatriet li jidhru hemm.

Żgur li l-ħatra ta' PS 1374 Edgar Dalli bħala fingerprints expert la vvintha l-Ispettur u lanqas ma ħa gost jagħmel xogħol żejjed PS 1374 E.Dalli. Għalhekk il-Qorti hija konvinta li PS 1374 E.Dalli kien maħtur regolarment bħala fingerprints' expert.

**Konklużjoni: Il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.**

**It-Tielet Eċċezzjoni - L-inammissibilita' tar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud ( esibit a fol 726 et seq) in kwantu l-ħatra tal-Ispiżjar Mifsud għall-fini tar-relazzjoni msemmija ma setgħetx issir u dan anke skont ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell.**

Bir-rispett kollu mhux kwalunkwe persuna jew Spettur tal-Pulizija ma jista' jaqbad u jagħti stima ta' kemm tiswa d-droga fis-suq. Din hija biex biċċa xogħol iebsa wkoll għall-esperti minħabba li s-suq ivarja, il-kwalita' ma tkunx l-istess, u d-demand tinbidel minn żmien għal żmien. Tassew li kien hemm deċiżjonijiet differenti fuq dan il-punt mill-Qorti tal-Appell iżda din il-Qorti ma jidhrilhiex li wieħed jista' jħalli f'idejn mhux esperti jekk irid jiddetermina l-valur. F'pajjiżi oħra jista' jkollok il-multa maħduma fuq l-istima li ssir tal-valur. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala m'għandhiex tħalli din ir-relazzjoni fil-proċess speċjalment jekk tkun għenet biex l-Avukat Ġenerali jkun iddetermina liema Qorti għandha tisma' l-każ. Huwa tajjeb li,fejn jista', wieħed itaffi l-ispejjeż iżda dan mhux dejjem hu possibbli.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni .**

**Ir-Raba' Eċċezzjoni - L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr.Vincent Galea**

Din ir-relazzjoni tidher li hija ġabra ta' ittri minn diversi istituzzjonijiet. Ma jidhirx li l-informazzjoni kienet ġuramentata. Għaldaqstant għandha tiġi sfilzata**.** **Għalhekk il-Qorti qed tilqa' ir-raba' eċċezzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------